MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

It-Tnejn, 3 ta' April, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Horace Anastasi u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 65 (ħamsa u sittin) li saret fis-6 ta' Marzu, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### 66.2.2 Punti mqajma mill-minuti

66.2.2.1 Minuta 3.2 – Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni kkonferma dak li qal Gianluca Falzon, jiġifieri li hemm problema bil-ventijiet. Is-Sindku sostna li m'għandniex noħolqu problemi fuq il-Kumitat Festi Esterni. Għaldaqstant ser nippruvaw inkellmu lis-Sur Jason Busuttil biex naraw jekk hemmx xi alternattiva oħra.

66.2.2.2 Minuta 3.3 – Is-Sindku informa li ser issir laqgħa bejn il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, il-kuntrattur kif ukoll il-Perit tal-Kunsill.

66.2.2.3 Minuta 3.6 – Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill li l-kompjuter inxtara. Il-problema li hemm hija dwar l-operating system. Kellna nixtru l-Windows 10 Pro sabiex is-sistema l-ġdida tas-Sage tkun tista' topera.
Is-Sur Silvio Vella ssuġerixxa li hemm il-bżonn naħsbu għal sistema ta' *Backup.* Għaldaqstant, is-Sur Darren Carabott issuġġerixxa li nieħdu parir jekk nixtrux *External Hard drive* jew inkella nużaw sistema ta' *Cloud.*

66.2.2.4 Minuta 7(a) - Is-Sur Jason Mangani huwa tal-parir li s-siġar inżabru wisq, iżda s-Sur Silvio Vella spjega li peress li kellhom ħafna friegħi mejtin, kellhom jinżabru ħafna.
Is-Sur Darren Carabott saqsa jekk xi ħadd kienx kellem lill-ġardinar kif kien ġie deċiż. Is-Sindku, informa li kien kellem lill-ġardinar f'dan ir-rigward u li l-ġardinar kien qed ikollu istruzzjonijiet mingħand il-Contracts Manager għaldaqstant kien qed jiġi f'kunflitt.
Is-Sur Silvio Vella qal li ser imur mal-ġardinar biex ineħħi l-ħaxix mir-*roundabouts* u *soft areas* għax huma żdingati.
Is-Sindku spjega wkoll li r-*roundabouts* u *soft ares* li hemm fit-toroq arterjali u distributorji huma responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali, imma hemm ukoll *option* li nistgħu inqabbdu lill-kuntrattur jagħmel ix-xogħol hu.
Wara diskussjoni, il-membri qablu unanimament li għandha tibqa' ssir pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali biex ix-xogħol isir mill-kumpanija li jqabbad il-Gvern Ċentrali.

Fis-7.00 ta' filgħaxija wasal il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

66.2.2.5 Minuta 9.1 - Is-Sur Jason Mangani ħabbar li l-Isports Day ser issir nhar is-Sibt 29 ta' April, 2017 bejn id-9 ta' filgħodu u nofsinhar. Ser issir fil-grawnd il-ġdid u ser isir *Circuit Training.* Is-Sur Jason Mangani ser jipprepara l-programm. Kien hemm qbil sabiex jinxtraw 100 medalja.

66.2.2.6 Minuta 9.3 - Is-Sindku Stephen Sultana informa lill-membri tal-Kunsill li trid issir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill biex jittieħed parir jekk għandniex inqabbdu l-avukat tar-Reġjun jew l-avukat tal-Kunsill biex jibgħat l-ittri hu f'isem il-Kunsill lil kull min għandu ċitazzjonijiet pendenti.

66.2.2.7 Minuta 9.4 – Is-Sindku informa li d-*deadline* biex noġġezzjonaw lill-Awtorita' tal-Ippjanar hija f'nofs April. Għaldaqstant għadna fil-ħin biex issir ir-*Representation letter.*

66.2.2.8 Minua 9.5 - Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li iridu jittieħdu r-ritratti u wara niktbu lill-Enforcement Officer tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li hemm probabbilta' li ssir devoluzzjoni tal-berġa lill-Kunsill Lokali. Għadna għaddejjin bid-diskussjonijiet mal-*Primary Health Care* u li kif ikun hemm aktar informazzjoni rigward dan, is-Sindku jinforma lill-membri.

66.3.2 Is-Sindku poġġa rapport fuq il-mejda tal-kamra dwar l-ispiża li hemm biex jitranġa d-dawl tal-Ġnien Romeo Romano. Huwa informa li hemm ħsara kbira li ġiet ikkaġunata minn vandaliżmu. Din is-somma tammonta għal €814.
Is-Sur Darren Carabott saqsa għaliex ġaladarba l-ġnien mhux devolut lill-Kunsill Lokali, għaliex l-ispejjeż ser nagħmluhom aħna. Is-Sindku rrisponda li l-upkeep tal-Ġnien huwa parti mill-ispiża tal-ġonna u tas-*softareas.*
Is-Sur Silvio Vella ppropona li ssir kaxxa b'*socket* fuq barra kif ukoll isir vit fuq barra biex min juża l-ġnien għal xi attivita' ikunu jistgħu jużaw lilhom.
Il-membri qablu unanimament.

66.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq il-Kanun ser isir proġett minn Transport Malta. Għaldaqstant Transport Malta ser jaqilgħu 6 (sitt) siġar tal-palm, li huma propjeta' tal-Kunsill, u talbuna nissuġerixxu post fejn jistgħu jerġgħu jitħawlu.
Ġie suġġerit li jitħawlu fir-*roundabout* ta' Triq il-Ferrovija.
Għal din il-proposta, il-membri qablu unanimament.

66.3.4 Is-Sindku informa lill-Membri li kellu laqgħa ma Dr. Fortunata Randisi rigward proġett innovattiv ta' *water fountains* li jipprovdu ilma tajjeb għax-xorb. Il-Membri ssuġerixxew li jistgħu isiru fi Ġnien Romeo Romano, fil-Ġnien tal-Palazz l-Aħmar, fi Ġnien Ġużè Flores, ġo Pjazza Franka u fi Triq il-Kbira San Ġużepp.
Is-Sindku informa lill-Membri li għad irid isir il-ftehim bil-possibilta' li jinkludi xi ħlas għall-Kunsill.
Il-membri qablu unanimament.

66.3.5 Is-Sindku informa li rċevejna email mingħand Cheryl Falzon mill-Malta Libraries fejn qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tinfetah librerija pubblika fl-iskola sekondarja. Għaldaqstant ser issir laqgħa ma Ms Cheryl Falzon biex jiġu diskussi il-paga tal-librar, min ser iħallas lil-librar, il-*maintenance* u ż-żamma tal-librerija.

Il-membri qablu unanimament.

66.3.6 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna Protest Ġudizzjarju mingħand is-Sur Emmanuel Grech. Huwa qed jinsisti li għandu dritt għal double Yellow line fuq kull naħa tal-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq il-Blata l-Kaħla. Dan il-każ ilu għaddej xi tlett snin u aħna dejjem imxejna mar-rakkomandazzjonijiet tat-Transport Malta ta' dak iż-żmien.

66.3.7 Inġabret petizzjoni ta' 22 firma mir-residenti fil-konfront ta' Pascucci li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, kantuniera ma Triq l-Omnibus. Is-Sindku informa lill-Membri li saret oġġezzjoni għall-applikazzjoni li għamlu s-sidien ta' Pascucci lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jikkapparraw parking place biex jagħmlu siġġijiet u mwejjed barra għall-klijenti tagħhom. Minbarra li b'din il-proposta ser jonqos post ta' parkeġġ, dan huwa post perikoluż u ser joħloq ħafna ħmieġ. Ir-residenti bagħtu kopja ta' din il-petizzjoni lilna u bagħtu l-petizzjoni dirett lilhom.

66.3.8 Attivita' tal-Mother's Day: Ser isir kunċert bħas-soltu, nhar it-13 ta' Mejju, 2017. Il-ħlas tal-kunċert bħas-soltu ser isir mill-Kunsill. Dan ser isir ġewwa Apap Institute.

## 66.4. Rapporti/Korrispondenza

66.4.1 Is-Sindku informa lill membri li rċevejna 2 ittri dwar aċċidenti ta' tyres. Wiehed li ġara fi Triq Pietru Dacoutros nhar fl-20 ta' Marzu, 2017 u l-ispiża hija ta €140. Aċċident ieħor ġara fi Triq il-Parroċċa fil-11 ta' Frar 2017 u dan sewa €105.
F'dan l-istadju s-Sur Silvio Vella ssuġerixxa li jekk ikun hemm xi ħofra żgħira, il-Ħaddiema Assenjati għandhom jieħdu l-inizzjattiva u jimlewha bit-tarmac. Dana sabiex nevitaw aktar spejjeż żejda ta' claims ta' din ix-xorta.
Il-membri qablu unanimament li din il-ħsara għandha titħallas.

66.4.2 Is-Sindku informa lill Membri li rċevejna email mingħand il-Kumitat tal-Banda biex jorganizzaw Bbq's nhar is-Sibt 20 ta' Mejju, is-Sibt 17 ta' Ġunju, u s-Sibt 15 ta' Lulju, 2017 fi Ġnien Romeo Romano.
Il-membri qablu unanimament.

## 66.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

66.5.1 Ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna 8 applikazzjonijiet, u qara r-Rapport tal-Bord tal-Għażla.

"Il-Bord evalwa l-applikazzjonijiet li rċevejna li kienu kollha eliġibbli.
L-applikanti attendew kollha għall-intervista.
Il-Kumitat tal-Għażla mexa fuq erba' kriterji fil-proċess tal-Għażla
20% għall-kwalifiki
5% għall-kwalifiki extra
25% għall-komportament tagħhom
50% għall-mod kif irrispondew mistoqsijiet ġenerali

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-lista tar-Riżultati flimkien mar-Rapport.
Għaldaqstant is-Sa Annalise Mallia ġiet l-ewwel bi 87%."

Is-Sindku għalhekk ippropona lil dan ir-Rapport għall-approvazzjoni.

"Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rakkomandazzjonijiet u japprova l-għażla tal-Bord tal-Għażla u s-Sa Annalise Mallia tingħażel bħala Skrivana Skala 15.

Il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer issekonda.

Il-membri qablu unanimament.

66.5.2 Xogħol fuq Toroq ġodda li nbnew qabel is-sena 2013

Is-Sindku rrimarka li hemm bżonn ta' sett linji gwida rigward toroq li ilhom sa 15-il sena li nbnew. Dawn it-toroq *m'għandhomx jintmessu minn terzi persuni.* Dana għaliex il-proċeduri bħalissa huma li jmorru Transport Malta u dawna, bħala Awtorita' Ċentrali, jawtorizzawlhom ix-xogħol, filwaqt li jiġu l-Kunsill Lokali u jħallsu €2.33.
F'kas partikolari li ġara fi Triq il-Lunzjata, il-kuntrattur sostna li s-servizzi li kienu għaddejjin huma antiki, filwaqt li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol sostna li s-servizzi kienu mibdulin.
Għalhekk is-Sindku informa li kien diġà kiteb lil Transport Malta biex jgħarrafhom dwar dan u jissuġġerixxi li bħala Kunsill ma nawtorizzawx li dan ix-xogħol isir ħlief bil-kundizzjoni li l-kuntrattur jagħmel garanzija bankarja ta €5,000.- u li għandu jintuża *hot asphalt*. It-tarmak irid isir minn kurduna ta' bankina sa kurduna, u isir mill-kuntrattur tal-fiduċja tagħna.
Trid tiġi diskussa mal-Perit il-wisa' tat-trinka.
Is-Sindku ssuġġerixxa li nifformulaw dokument ta' linji gwida mal-Perit u l-Avukat, u dawn jintużaw biss f'każijiet ta' urġenza.

Il-membri qablu unanimament.

## 66.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

66.6.1 Il-Kunsillier, is-Sur Silvio Vella ppreżenta l-Minuti tal-15-il laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru, 2016.

Dawn il- Minuti ġew approvati unanimament.

66.6.2 Il-Kunsillier, is-Sur Silvio Vella ppreżenta l-Minuti tas-16-il laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar, 2017.

Dawn il- Minuti ġew approvati unanimament.

66.6.3 Is-Sur Silvio Vella qal li l-Kumitat tal-Kultura qed jaħdem fuq il-programm tal-Milied.
Qal ukoll li konna rċevejna email biex norganizzaw żjara lis-Sejf ta' De Valette. Is-Sur Silvio Vella qal li ma din il-viżta xtaq jgħaqqad ukoll viżta lill-Palazz tal-President.
Id-data tal-ħarġa ser titħabbar aktar 'il quddiem.

Is-Sur Mario Coleiro ser ikun inkarigat biex imexxi u jispjega waqt din iż-żjara.

## 66.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tall-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 66.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 253 sa lment numru

| | |
|---|---|
| 252 | Contracts Manager |
| 253 | Contracts Manager |
| 254 | Fejn? |
| 255 | Pending – wara li jsir l-embellishment |
| 256 | Bins Ordnati |
| 257 | Contracts Manager |
| 258 | Central Asphalt |
| 259 | Ħaddiema assenjati |
| 260 | Ħaddiema Assenjati |
| 261 | Ħaddiema Assenjati |
| 262 | Ħaddiema Assenjati |
| 263 | Applikazzjoni TM |
| 264 | Micamed – Inbiddlu s-saħħa tad-dawl u jiġu ordnati żewġ bins mill-kbar |
| 265 | Valletta Aluminium Ltd |
| 266 | B. Grima & Sons |
| 267 | B. Grima & Sons |
| 268 | B. Grima & Sons |
| 269 | Ħaddiema Assenjati |
| 270 | Ħaddiema Assenjati |
| 271 | Ħaddiema Assenjati |
| 272 | Ħaddiema Assenjati |
| 273 | B. Grima & Sons |
| 274 | Rifjutata |
| 275 | Rifjutata |
| 276 | B. Grima & Sons |
| 277 | B. Grima & Sons |
| 278 | B. Grima & Sons |
| 279 | B. Grima & Sons |
| 280 | B. Grima & Sons |
| 281 | B. Grima & Sons |
| 282 | B. Grima & Sons |
| 283 | B. Grima & Sons |

| | |
|---|---|
| 284 | B. Grima & Sons |
| 285 | B. Grima & Sons |
| 286 | B. Grima & Sons |
| 287 | B. Grima & Sons |
| 288 | B. Grima & Sons |
| 289 | B. Grima & Sons |
| 290 | B. Grima & Sons |
| 291 | B. Grima & Sons |
| 292 | B. Grima & Sons |
| 293 | Rifjutata |
| 294 | Nindagaw fejn spiċċat |
| 295 | Ħaddiema Assenjati |
| 296 | Valletta Aluminium Ltd |
| 297 | Same as 273 |
| 298 | B. Grima & Sons |
| 299 | B. Grima & Sons |
| 300 | B. Grima & Sons |
| 301 | B. Grima & Sons |
| 302 | B. Grima & Sons |
| 303 | B. Grima & Sons |
| 304 | B. Grima & Son |

## 66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Mejju, 2017, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 8 ta' Mejju, 2017

IFFIRMATA

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv